

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 22.IL-PRIEDKA TAL-MUNTANJA

**Mattew 5:...1-48, 6:1-34, 7:1-29; Luqa 6:20-49, 7:1...**



Kif ra l-folol, Gesu' tela' fuq il-muntanja, qaghad bil-qieghda, u resqu lejh id-dixxipli tieghu. Fetah fommu u qabad jghallimhom u jghid:

"Henjin il-foqra fl-ispirtu ghax taghhom hija s-saltna tas-smewwiet

Henjin l-imnikkta, ghax huma jkunu mfarrga.

Henjin ta' qalbhom helwa ghax huma jkollhom b'wirthom l-art.

Henjin ta' dawk li huma bil-guh u l-ghatx tal-gustizzja, ghax huma jkunu mxebbghin.

Henjin dawk li jhennu, ghax huma jsibu hniena.

Henjin dawk li huma safja f'qalbhom,
Ghax huma jaraw lil Alla

Henjin dawk li jgibu l-paci, ghax huma jissejhu wlied Alla.

Henjin dawk li huma ippersegwitati minhabba s-sewwa, ghax taghhom hija s-saltna tas-smewwiet.

Henjin intom meta jghajjrukom u jippersegwitawkom u jaqilghu kull xorta ta' hazen u gideb kontra taghkom minhabba fija.

Ifirhu u thennew, ghax hlaskom kbir fis-smewwiet.  Hekk kienu ppersegwitawhom lil profeti li kienu qabilkom.

Imma hazin ghalikom, intom il-ghonja, ghax il-farag taghkom hadtuh.

Hazin ghalikom intom li ghalissa mxebbghin, ghax tkunu bil-guh.

Hazin ghalikom, intom li ghalissa tidhqu, ghax tnewwhu u tibku.

Hazin ghalikom meta kulhadd isemmikom fil-gid. Ghax l-istess ghamlu missirijitkom lill-profeti foloz."



Intom il-melh ta' l-art. Imma jekk il-melh jaqta' biex jerga', jiehu t-toghma? Ma jibqa' tajjeb ghal xejn izjed hlief biex jintrema barra u jintrifes minn nies.
Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qieghda fuq muntanja ma tistax tinheba. Anqas ma jixghelu l-musbieh u jqeghduh taht is-sieh, izda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil min ikun fid-dar. Hekk ghandu jiddi d-dawl taghkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-ghemejjel tajba taghkom u jaghtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet.

Xejn tahsbu li gejt imwaqqa l-Ligi jew il-Profeti; jiena ma gejtx biex inwaqqaghhom, izda biex inwassalhom ghall-perfezzjoni.  Tassew nghidilkom li sa ma jkunu ghaddew is-sema u l-art anqas l-izghar ittra jew tikka wahda mill-Ligi ma titnehha sa ma jkun sehh kollox. Jekk mela xi hadd igib fix-xejn wiehed mill-izghar minn dawn il-kmandamenti u jghallem lin-nies biex jaghmlu l-istess, dan jissejjah l-izghar fis-Saltna tas-Smewwiet.  Imma min iharishom u jghallimhom dan kbir jissejjah fis-Saltna tas-Smewwiet.



Nghidilkom li, jekk il-hajja t-tajba taghkom ma tkunx hafna ahjar minn dik tal-kittieba u l-Farizej, ma tidhlux fis-Saltna tas-Smewwiet.

Smajtu li ntqal lin-nies ta' dari, ' La toqtolx.' Mela jekk xi hadd joqtol ikun haqqu l-kundanna.  Imma jien nghidilkom li l-kundanna tishoqq ukoll lil min jinkorla ghal huh.  Jekk imbaghad xi hadd lil huh jghidlu, 'Gifa', ikun haqqu l-kundanna tas-Sinedriju; u jekk jghidlu, 'Iblah', ikun haqqu n-nar ta' l-infern.  Mela jekk tkun qieghed italla' l-offerta tieghek fuq l-artal u hemm tiftakar li huk ghandu xi haga kontra tieghek, halli l-offerta tieghek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranga ma' huk, imbaghad ejja tella' l-offerta tieghek. Lil min ikun ser itellek il-qorti hudu bil-kelma t-tajba mill-aktar fis  waqt li tkun ghadek mieghu fit-triq, li ma jmurx jaghtik f'idejn l-imhallef, u l-imhallef f'idejn l-ghassies, u hekk issib ruhek fil-habs. Tassew nghidlek. Minn hemm ma tohrogx qabel ma tkun hallast l-ahhar tlett habbiet.

Smajtu x'intqal, 'La taghmilx adulterju'. Imma jiena nghidilkom li kull min ihares lejn mara biex jixtieqha jkun ga ghamel adulterju maghha f'qalbu. Jekk ghajnejk il-leminija hi ghalik okkazjoni

ta' dnub, aqlaghha barra u armiha 'l boghod minnek ghax aktar ikun jaqbillek jekk tintilef wahda bicca minn gismek milli gismek kollu jinxtehet fl-infern.

U jekk idek il-leminija hi ta' okkazjoni ghalik, aqtaghha 'l barra u armiha 'l boghod minnek ghax aktar ikun jaqbillek jekk tintilef bicca wahda minn gismek milli gismek kollu jmur l-infern.

Ntqal ukoll, 'Min jibghat lil martu jkollu jaghtiha il-kitba tad-divorzju'.  Imma jiena nghidilkom li kull min jibghat lil martu  barra l-kaz ta' zwieg hazin, iwaqqaghha fl-adulterju; u min jizzewweg wahda mibghuta minn haddiehor jaghmel adulterju.

Smajtu wkoll x'ntqal lin-nies ta' dari., 'Tonqosx mill-weghda li hlift imma rodd lill-Mulej il-weghdiet li hliftlu.' Imma jiena nghidilkom biex ma tahilfu xejn, u la bis-sema ghax hu t-tron t'Alla u la bl-art ghax fuqha jserrah riglejh u lanqas b'Gerusalemm ghaliex hija l-Belt tas-Sultan il-kbir. U anqas b'rasek ma ghandek tahlef ghax inti lanqas biss xaghra wahda ma ghandek il-hila taghmel bajda jew sewda. Mela ha jkun id-diskors taghkom, 'Iva, iva', 'Le, le'; kull ma hu izjed minn hekk gej mill-hazen.

Smajtu x'ntqal, ' Ghajn b'ghajn u sinna b'sinna'. Imma jiena nghidilkom biex bniedem hazin ma tiqfulux; anzi jekk xi hadd jaghtik daqqa ta' harta fuq haddejk tal-lemin, dawwarlu l-iehor ukoll; u lil min ikun irid itellghek il-qorti  u jehodlok il-libsa, hallilu wkoll il-mantar.  U jekk xi hadd igaghlek timxi mieghek mil wiehed, mur mieghu tnejn. Aghti lil kull min jitolbok u min johodlok xi haga titlobilhux lura. Kif tridu li l-bnedmin jaghmlu lilkom, hekk ukoll aghmlu intom lilhom. Jekk intom thobbu lil min ihobbkom xi hlas jista' jkollkom? Ghax il-midimbin ukoll ihobbu lil min ihobbhom. U jekk intom taghmlu l-gid lil min jaghmel il-gid lilkom xi hlas jista' jkollkom?  Ghax dan jaghmluh sahansitra l-midimbin. U jekk tisilfu xi haga lil min tistennew li jrodilkom lura, xi hlas jista' jkollkom?  Il-midimbin ukoll jisilfu lil midimbin, bil-hsieb li jiehdu lura daqshekk minghandhom. Imma intom hobbu lil ghedewwa taghkom, aghmlu l-gid, isiflu bla ma tistennew xi haga lura, u l-hlas taghkom ikun kbir.  U tkunu wlied Alla l-Gholi, li hu tajjeb ma'  l-ingrati u l-hziena.  Hennu, bhalma hu hanin Missierkom.




Smajtu xi ntqal, 'Hobb lil ghajrek u obghod lil ghadu tieghek.' Imma jiena nnghidilkom:  Hobbu l-ghedewwa taghkom u itolbu ghal dawk li jppersegwitawkom biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; ghax hu jtella' ix-xemx tieghu sew fuq il-hziena u sew fuq t-tajbin u jnizzel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex.  Ghax jekk intom thobbu lil min ihobbkom xi hlas jisthoqqilkom? U jekk issellmu lil hutkom biss, xi tkunu taghmlu izjed? Mhux il-pagani wkoll jaghmlu dan? Kunu mela perfetti bhalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet.

Qisu li l-ghemil tajjeb taghkom ma taghmluhx ghal wicc in-nies biex tidhru quddiemhom, ghax inkella ma jkollkom hlas minghand Missierkom li hu fis-smewwiet, Meta taghmel karita', tmurx idoqq it-trombi quddiemek kif jaghmlu dawk ta' wicc b'iehor fis-sinagogi u t-triqat biex in-nies tfahharhom.  Tassew nghidlkom li l-hlas taghhom ga haduh. Izda inti meta taghmel karita', idek ix-xellugija m'ghandiex tkun taf x'inhi taghmel l-leminija, biex hekk il-karita' tieghek issir fil-mohbi , u Missierek, li jara dak li hu fil-mohbi, irrodlok hu.